MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2007

Appell Civili Numru. 955/1994/2

**Anthony Attard**

**v.**

**Dione Aquilina u Charles Demicoli ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Marsa Flour Mills Limited u b'digriet tat-30 ta' Ottubru 2001, il-Qorti ordnat it-trasfuzjoni tal-gudizzju f'isem Jacqueline Refalo minn isen Dione Aquilina stante li dan miet fil-mori tal-kawza**

**Il-Qorti:**
Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur li tghid hekk:

"Peress illi l-attur kien iffirma ftehim datat 13 ta’ April 1993 mas-socjeta` attrici rapprezentata mill-konvenuti *nomine* li permezz tieghu huwa kien gie mpjegat bhala *“Managing Director”* mas-socjeta` konvenuta u dan taht it-termini u kundizzjonijiet imsemmija fl-imsemmi ftehim, kopja ta’ liema ftehim qieghed jigi anness u mmarkat Dokument “AA1”.

"Peress illi s-socjeta` konvenuta bieghet l-assi kollha taghha lil terzi u ghalhekk giet sprovvista minn dak kollu li jreggiha u jirrendiha funzjonanti, u dan kif jigi spjegat f’aktar dettal waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

"Peress illi permezz ta’ dan il-bejgh ta’ assi l-azzjonisti u proprjetarji tas-socjeta` konvenuta tilfu l-kontroll tal-gestjoni u tal-amministrazzjoni tal-imsemmija socjeta`, ghad illi fis-socjeta` konvenuta ma fadal xejn x’jamministraw u jiggestixxu.

"Peress illi ghat-tenur tal-klawsola numru 8.4. tal-ftehim fuq imsemmi l-attur kellu d-dritt u l-poter li jittermina l-impieg tieghu minghajr pre-avviz u minghajr penali kemm-il darba il-proprjetarji tas-socjeta` konvenuta jitilfu kontroll fuq il-gestjoni u l-amministrazzjoni tas-socjeta` ghar-raguni li jbieghu l-azzjonijiet fis-socjeta`, jew billi jassenjaw il-gestjoni tas-socjeta` lil terzi jew fi kwalunkwe mod iehor, u f’tali eventwalitajiet l-attur kien intitolat minghand is-socjeta` ghall-kumpens ammontanti ghal ghoxrin elf lira Maltin (Lm20,000).

"Peress illi l-attur ghamel uzu mid-dritt u mill-poter moghtija lilu mill-klawsola 8.4. tal-ftehim fuq imsemmi u permezz ta’ ittra ttermina l-impieg tieghu mas-socjeta` konvenuta ghar-ragunijiet imsemmija fl-ittra u cjoe` billi s-socjeta` konvenuta ttrasferiet l-assi kollha taghha lil terzi u fl-istess waqt kif tipprevedi l-klawsola numru 8.4. tal-ftehim talab il-hlas tal-kumpens previst mill-ftehim.

"Peress illi l-konvenuti *nomine* nterpellati sabiex ihallsu l-imsemmi kumpens previst mill-klawsola 8.4. tal-ftehim tat-13 ta’ April 1993 baqghu inadempjenti.

"Jghidu ghalhekk il-konvenuti nomine il-ghaleix din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

"1. Tiddikjara illi in vista tal-premess u fic-cirkustanzi l-kumpens previst minn klawsola numru 8.4. tal-ftehim tat-13 ta' April 1993, Dokument "AA1" bejn l-attur u l-konvenuti *nomine* huwa dovut lill-attur;

"2. Konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti *nomine* jhallsu l-imsemmi kumpens ta' ghoxrijn elf lira Maltin (Lm20,000) lill-attur.

"Bl-ispejjez inkluz dik tal-ittra ufficjali tad-9 ta' Mejju 1994 u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuti *nomine* li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni."

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine li in forza taghha eccepew illi:

"Illi t-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li kien huwa stess li rrezenja mill-impieg fi zmien meta l-kumpanija konvenuta kienet qieghdha topera normalment.

"Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-premess il-ftehim fuq citat mill-attur ma jaghtih l-ebda dritt ghall-kumpens kif qieghed jippretendi huwa stess.

"Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Mejju 2002, li in forza taghha ddecidiet il-kawza fis-sens illi:
"filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

"1. Tiddikjara illi l-kumpens previst mill-artikolu 8.4. tal-Ftehim tat-13 ta' April 1993 (Dokument AA1) bejn l-attur u s-socjeta` konvenuta huwa dovut lill-attur;

"2. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur kumpens fl-ammont ta' ghoxrin elf lira Maltin (Lm20,000).

"Bl-imghax legali mid-data tal-ittra uffucjali datata 9 ta’ Mejju 1994 sal-effettiv pagament u bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta` konvenuta."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Illi l-attur Anthony Attard kien gie mpjegat bhala *Managing Director* mas-socjeta` konvenuta Marsa Flour Mills Limited permezz ta’ kuntratt ta’ impieg ffirmat fit-13 ta’ April 1993, liema kuntratt jinsab esebit bhala Dok. “AA1” (fol. 7 et. seq). Il-kuntratt gie ffirmat mill-attur Anthony Attard u minn zewg diretturi tas-socjeta` Marsa Flour Mills Limited, ossija Charles Demicoli u Spiridione Aquilina.

"Illi din l-kawza essenzjalment tirrivolvi fuq l-artikolu 8.4. ta’ dana l-kuntratt ta’ impieg, li jipprovdi illi:

"“This agreement is being entered into for an indefinite period, and the parties hereto agree that it shall only be terminated in any of the following events:

*"8.4. By the employee without notice and without penalty in the event that the beneficial owners of the company lose control over the management of the company either because they sell their shares in the company or because they grant an operation concession of the company to third parties, or in any manner whatsoever. In this eventuality the employee shall be entitled to receive from the company compensation amounting to a sum of Lm20,000.”*

"Illi mill-provi prodotti jirrizulta li sitt *flour mills* lokali, fosthom il-Marsa Flour Mills Limited, kien ilhom ghall diversi snin jesploraw il-possibilita` li jamalgaw flimkien. Dawna d-diskussjonijiet kienu pjuttost protratti, u kien l-istess attur Anthony Attard li fil-kapacita` tieghu ta’ *general manager* attenda ghan-nom ta’ Marsa Flour Mills Limited ghal hafna mill-laqghat li saru ghal dan il-ghan.

"Is-sitt *flour mills* fl-ahhar qablu li jinghaqdu flimkien, u hamsa minnhom ressqu sabiex jigi ffirmat il-konvenju relativ ghal dina l-amalgamazzjoni u dan bid-data tal-25 ta’ Marzu 1994, liema konvenju pero` ghalkemm accettat li jezisti mill-partijiet kollha fil-kawza qatt ma gie esebit.

"Illi sadanittant, tant kienu rejali dawn id-diskussjonijiet u tant kienu determinati l-istess socjetajiet f’ghan taghhom li ssir din it-tip ta’ amalgazzjoni, li s-socjeta` l-gdida li kellha fil-fatt tinkorpora l-operazzjonijiet u l-amministrazzjoni kollha li qabel kienet fdata f’idejn is-socjetajiet involuti ndividwalment kienet gja` giet registrata fit-18 ta’ Frar 1994, u ghalhekk anke qabel id-data tal-istess konvenju bejn il-hames socjetajiet appena imsemmi fil-paragrafu precedenti, u dan taht l-istess tas-socjeta` Federated Mills Limited, li kienet ser tkun il-kumpanija li tinkorpora s-sitt *flour mills* fiha, u liema socjeta` ghadha fil-fatt topera bhala tali sa llum.

"Illi gara pero`, li minhabba xi problemi ta’ natura legali, fl-ahhar mument *flour mill* minnhom ma setghetx taderixxi l-firma taghha ghall-ftehim propost, u ghalhekk kien ghalhekk li l-hames *flour mills* rimanenti ddecidew li jipprocedu xorta wahda bl-iffirmar tal-konvenju bejnietom, b’dana illi s-sitt *flour mill* kien ikollha xorta wahda l-opportunita` li tippartecipa fl-amalgamazzjoni aktar tard. Ghalhekk fil-24 ta’ Marzu tas-sena 1994 gie ffirmat konvenju bejn il-hames *flour mills*, fosthom is-socjeta` konvenuta Marsa Flour Mills Limited.

"Illi fl-ahharnett il-kuntratt finali, u li ghalih dehret ukoll is-sitt *flour mill* assenti fuq il-konvenju, li allura sadanittant kienet irregolarizzat il-pozizzjoni taghha, gie ppubblikat min-Nutar Tonio Spiteri fis-16 ta’ Mejju 1994, u ghalhekk jista’ jinghad li l-operazzjoni giet formallizata f’dik id-data.

"Illi meta kien qed jigri dan kollu l-attur permezz ta’ ittra datata 26 ta’ Marzu 1994 (Dok. “AA” a fol. 19) kiteb lis-socjeta` konvenuta u gharrafha s-segwenti:-

*“Further to my letter of the 28th January 1994, it now results that Marsa Flour Mills Limited and its associated*

*company Triticum Limited have formally transferred all assets previously controlled by Marsa Flour Mills Limited to Federated Mills Limited.*

*"This transfer entitles the undersigned in terms of Clause 8.4. of the Contract of Employment of the 13th April 1993 to terminate the said contract and request the company to pay compensation amounting to Lm20,000.*

"You are therefore being formally advised that I am making full use of my rights in terms of Clause 8.4. of the above-mentioned Contract of Employment and hereby terminate the said contract and request the payment of the compensation stipulated, namely Lm20,000 together with all other benefits and dues owing to me in terms of law."

"Illi ma jidhirx mill-atti li din l-ittra kellha twegiba mis-socjeta` konvenuta, u wara li s-socjeta` konvenuta Marsa Flour Mills Limited naqset milli thallas lill-attur dak li kien qieghed jitlob f'din l-ittra, huwa ntavola dina l-kawza sabiex is-socjeta` konvenuta tigi kkundannata twettaq il-hlas li fil-fehma tieghu kien dovut minnha.

"Illi s-socjeta` konvenuta Marsa Flour Mills Limited, min-naha taghha, tikkontendi illi meta l-attur issottemetta r-rizenja tieghu fis-26 ta` Marzu 1994, ma kienet avverat l-ebda wahda mic-cirkustanzi kontemplati fl-artikolu 8.4. tal-kuntratt ta' impieg li kienu jintitolawh jipprocedi f'dan il-mod. Skond is-socjeta` konvenuta dakinhar tar-rizenja tal-attur hija kienet ghadha tiggestixxi l-*flour mill* proprjeta` taghha, u ghalhekk l-azzjoni tieghu, u konsegwentement dina l-kawza, huma ngustifikati.

"Illi sabiex jigi determinat dan l-kaz, huwa ghalhekk mehtieg li l-Qorti tivvaluta jekk kienitx tassew avverat ruhha xi wahda mic-cirkostanzi kontemplati fl-artikolu 8.4. tal-kuntratt ta' mpieg li kienet tippermetti lill-attur jinhall minnu u jitlob minghand is-socjeta` Marsa Flour Mills Limited il-kumpens hemm previst u ovvjament dan ukoll jiddependi fuq l-interpretazzjoni u s-sinifikat tal-istess klawsola.

"Illi dan iwassal sabiex qabel kollox jigi determinat is-sinifikat tal-artikolu 8.4. tal-kuntratt ta' impieg li fuqu qieghed jibbaza ruhu l-attur, fejn din l-istess kwalsola tipprovdi li l-attur kellu d-dritt ixolji l-kuntratt ta' impieg minghajr pre-avviz u minghajr ma jinkorri l-ebda penalita` fl-eventwalita` li l-*beneficial owners* ta' Marsa Flour Mills Limited jitilfu l-kontroll fuq il-*management* tal-kumpanija jew

"(i) bhala konsegwenza tal-bejgh l-ishma tal-kumpanija; jew

"(ii)li jikkoncedu l-operazzjoni tal-kumpanija lil terzi; jew

"(iii) fi kwalunkwe mod iehor. F'tali eventwalita` l-attur kellu d-dritt li jigi kkumpensat is-somma ta' Lm20,000.

"Illi jinghad li bhala principju generali, l-ligi u senjatament l-**artikolu 1002 tal-Kodici Civili** jghid illi "*Meta l-kliem ta' konvenzjoni, mehud fis-sens li ghandu skond l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ghal interpretazzjoni*".

**"**"*Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta` tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata. Pacta sunt servanda*". (A.C. 5 ta' Ottubru, 1998 – "**Gloria mart Jonathan Beacom et vs L-Arkitett u Inginier Civili Anthony Spiteri Staines"**).

"Illi tkompli tghid din is-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell "*Illi l-gurisprudenza nostrali hi kostanti filli rriteniet li ma hix ammissibbli li prova testimonjali kontra jew in aggjunta ghall-kontenut ta' att miktub u hi talvolta ammessa biex tikkjarifika l-intenzjoni tal-partijiet meta din hi espressa b'mod ambigwu*" (Vol. XXXIV, P. III., p. 746).

"Illi jintqal *inoltre* li "*Il-Qrati jkunu obbligati jinterpretaw il-konvenzjoni meta f'kuntratt il-partijiet ma jkunux spjegaw ruhhom car jew posterjorment ghall-kuntratt jintervjeni*

*avveniment li jkollu bhala konsegwenza kwistjoni li ma tkunx giet preveduta u li kien hemm bzonn li tigi maqtugha, u din ghandha tigi primarjament interpretata skond l-intenzjoni tal-partijiet li jkunu hadu parti fil-kuntratt u li tkun tidher car mill-kumpless tal-konvenzjonijiet*" (Vol. XXIV, P. I., p.27) (ikkwotata fis-sentenza "**Beacom vs Spiteri Staines"** – ibid; "**Suzanne Xuereb vs Gilbert Terreni" –** P.A. RCP. 12 ta' Lulju 2001; "**Anton Spiteri vs Alfred Borg"** – P.A. RCP. 30 ta' Novembru 2000; "**Emanuel Schembri vs Leonard Ellul" –** P.A. RCP 30 t'Ottubru 2001).

"Illi jirrizulta, u din hi anke *r-ratio* tal-ligi, (**art. 1004 tal-Kodici Civili**) illi l-interpretazzjoni li trid tinghata, meta klawsola tista' tfisser haga u ohra, din ghandha tinftiehem dik il-haga li biha jista' jkun hemm xi effetti milli dik il-haga li biha ma seta' jkun hemm ebda effett. Dispozizzjoni li tirrifletti l-principju "*in dubiis interpretatio capienda est, ut dispositio potius valeat quam pereat".* ("**Antione Micallef vs Philip Micallef" –** P.A. (RCP) 30 ta' April 2002; **"General Cleaners Company Limited vs Attorney General et"** P.A. (RCP) 29 ta' Novembru 2001).

"Illi abbazi ta' dawn il-principji u b'applikazzjoni tal-istess ghall- kaz *de quo* dan ifisser li sabiex isehh din il-klawsola b'mod li l-attur jkollu d-dritt jirrizenja mill-istess impjieg tieghu ta' *managing director* bla ebda wahda mill-penalitajiet kontemplati fil-konfront tieghu anzi bid-dritt li huwa jesigi il-hlas tal-istess somma hemm kontemplata, kien irid isehh dak kontemplat, li jikkonsisti filli l-proprjetarji effettivi tal-istess socjeta` jitilfu l-kontroll tal-amministrazzjoni, gestjoni jew *management* tal-istess.

"Illi l-istess klawsola fil-fatt tikkontempla u taghti ezempji ta' kif tali kontroll seta' jintilef tant li ssemmi:-

"(a) bejgh ta' azzjonijiet tal-istess socjeta` ovvjament lill terzi;

"(b) li tigi moghtija *operation concession* tal-istess kumpanija lil terzi;

"(c) jew b'kull mod iehor.

"Illi dan ifisser li l-kwistjoni ta' telf ta' kontroll ta' gestjoni tal-istess socjeta` ma kienitx limitata ghaz-zewg ezempji fuq elenkati biss, izda ghall *"any other manner whatsoever"* fejn l-effett ikun li l-proprjetarji tal-istess socjeta` u allura l-firmatarji attwali tal-istess ftehim ta' impjieg tal-attur, jitilfu effettivament il-kontroll fuq l-operazzjonijiet tal-istess socjeta`.

"Illi minn dan kollu jidher li l-iskop tal-istess klawsola kien li f'kazijiet fejn l-proprjetarji tal-istess socjeta` jitilfu l-kontroll tal-amministrazzjoni tal-attivitajiet tal-istess socjeta`, bi kwalunkwe mod li jkun, inkluz permezz ta' bejgh ta' azzjonijiet taghha jew inkella bl-ghoti ta' koncessjoni ghall-operazzjoni taghha, jiskatta d-dritt tal-istess attur li jitlob l-ezekuzzjoni tal-istess klawsola.

"Illi dan huwa kaz differenti minn dak fejn is-socjeta` nnifisha tieqaf topera anke minhabbba xoljiment jew likwidazzjoni taghha, tant li dan il-kaz huwa kontemplat fl-istess ftehim taht il-klawsola enumerata 8.2. fl-istess ftehim, tant li f'tali kazi d-drittijiet moghtija lill-attur bl-istess ftehim huma ferm differenti minn dawk kontemplati fil-klawsola 8.4. tal-istess, llum taht ezami.

"Illi allura dan fih innifsu jindika l-intenzjoni tal-partijiet ghall-istess ftehim u l-interpretazzjoni gusta u korretta li ghandha tinghata lejn l-istess klawsola, *stante* li huwa ovvju li la darba l-istess attur gie ngaggat bhala *managing director* tal-istess socjeta` proprju bil-ftehim premess, il-partijiet qabblu li l-istess *status quo* ta' impjieg tieghu mal-konvenuti *nomine* jibqa' jsehh dment li l-firmatarji fuq l-istess ftehim ghan-nom tal-istess socjeta` konvenuta, jibqghu effettivament in kontroll tad-direzzjoni tal-istess socjeta` u tal-operazzjonijiet kollha taghha, u ghalhekk ma jkun hemm hadd iehor inkluz kull terza persuna, fizika jew legali, fl-operazzjoni tal-istess, bil-konsegwenza li l-attur ikun u jibqa' responsabbli fil-mansjoni tieghu biss lejn il-firmatarji tal-istess kuntratt, bhala r-rapprezentanti u l-proprjetarji attwali tal-istess socjeta`.

"Illi dan jikkontempla ovvjament l-kaz fejn l-istess socjeta` tibqa' tezisti, u anke il-kaz fejn l-istess socjeta` tibqa' topera, ghaliex altriment l-klawsola nnifisha ma kien ikollha ebda sinifikat, b'dan li l-punt krucjali li jaghti id-dritt lill-attur jezsercita l-opzjoni kontemplata fl-istess klawsola huwa biss il-fatt li dawk li kienu l-proprjetarji tal-istess socjeta` konvenuta jibqghu jzommu l-kontroll effettiv tal-amministrazzjoni u gestjoni tal-istess kumpanija, u li hadd hliefhom ma jkollu tali kontroll.

"Illi ghalhekk dak li jrid jigi kkunsidrat f'din il-kawza huwa jekk fil-mument li l-istess attur kiteb l-ittra tieghu ta' rizenja datata 26 ta' Marzu 1994 (Dok. "AA" – fol. 19), dawk li kienu l-proprjetarji effettivi tas-socjeta` konvenuta kienux effettivament tilfu l-kontroll tal-amministrazzjoni, gestjoni jew *management* tal-istess socjeta.

"Illi fl-ewwel lok jigi rilevat li fl-istess ittra l-attur isostni li *"it now results that Marsa Flour Mills Limited and its associate company Tricum Limited have formally transferred all assets previously controlled and managed by Marsa Flour Mills Limited, to Federated Mills".*

"Illi ghall din l-ittra ma jidhirx biss li ma hemm ebda risposta *da parte* tas-socjeta` konvenuta, anke jekk ammess minn Charles Demicoli fix-xhieda tieghu li huwa ghaddiha lill-avukati tieghu, izda l-fatt allegat ma gie bl-ebda mod kontradett mill-istess socjeta` konvenuta, b'mod li dan *a priori* jindika li l-istess socjeta` konvenuta mhux biss ma kkontestatx dan l-allegat fatt *a tempo debito*, izda wkoll dan in-nuqqas ta' risposta taghha ghal din l-ittra jippresumi allura li l-allegat trasferiment tal-assi mill-istess socjeta` konvenuta lis-socjeta` Federated Mills Limited verament sehh u fi kwalunkwe kaz li l-kontroll effettiv tal-istess assi ghadda minghand is-socjeta` konvenuta ghal ghand is-socjeta` l-gdida li kienet gja ffurmata fi Frar 1994.

"Illi dan huwa wkoll imsahhah mill-fatt li fid-dikjarazzjoni annessa man-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess socjeta` konvenuta (fol. 17) jinghad li *"illi f'dak iz-zmien il-Kumpanija kienet qed topera normalment minkejja dak li hemm provdut fl-ewwel paragrafu tal-ittra fuq imsemmija".*

"Illi din id-dikjarazzjoni tas-socjeta` konvenuta, mahlufa mill-konvenut Dione Aquilina, fil-bidu nett ta' din il-kawza, tikkostitwixxi in prattika ammissjoni ta' dak li hemm kontenut fl-istess paragrafu tal-imsemmija ittra attrici tas-26 ta' Marzu 1994, u allura accettazzjoni tal-fatt, li anke f'dak iz-zmien fl-ahjar ipotesi, l-assi tal-istess socjeta` konvenuta kienu gja` gew taht il-kontroll tas-socjeta` l-gdida, u ghalhekk ma baqghux taht il-kontroll tas-socjeta` konvenuta, b'mod li l-proprjetarji attwali tas-socjeta` fi zmien l-istess ftehim mal-attur, kienu gja` tilfu l-kontroll tal-amministrazzjoni u *management* tal-assi tal-istess socjeta`.

"Illi fil-fatt tenut kont tal-istess dikjarazzjoni mal-eccezzjonijiet konvenuti, ma jista' jkun hemm ebda nterpretazzjoni logika ohra ghall dak li hemm qed jinghad, ghaliex l-kliem tal-istess dikjarazzjoni volontarja tal-konvenut Dione Aquilina huwa car u palez fih innifsu u fid-dicitura uzata, u allura ma hemm l-ebda dubju li huwa qed jaccetta dak li l-istess attur isemmi bhala fatt fl-ewwel paragrafu tal-ittra tieghu tas-26 ta'Marzu 1994.

"Illi l-fatt li l-istess konvenut *nomine* ssemmi li *nonostante* dan, l-kumpanija konvenuta baqghet topera, ma ghandu x'jaqsam xejn mal-kwistjoni odjerna, kemm ghaliex ir-rizenja fiha nfisha tal-attur tipprezumi dan, kif ukoll ghaliex l-fatt li l-istess socjeta` konvenuta baqghet topera u ghalhekk ma gietx xolta u lanqas waqfet topera, ma huwiex krucjali ghall- applikazzjoni tal-klawsola 8.4 tal-istess ftehim, ghaliex dik il-klawsola stess tipprezumi li l-istess socjeta` tibqa' topera; dak li huwa *invece* rilevanti ghall-kaz odjern huwa biss li l-kontroll tal-istess socjeta` kellu jibqa' f'idejn l-azzjonijisti attwali maggoritarji tal-istess socjeta`, li in effetti ffirmaw il-ftehim mal-attur, u dan certament ma baqax jekk l-assi tal-istess kienu gja` dakinnhar taht il-kontroll tad-diretturi tas-socjeta` l-gdida, u ghalhekk ta' persuni ohra, *oltre* l-konvenuti, li jirraprezentaw lill-hames socjatjiet ohra li ffurmaw lill-istess kumpanija l-gdida.

"Illi lanqas josta’ ghat-tezi konvenuta li l-kuntratt formali ghat-trasferiment tal-istess assi gie formalizzat biss bil-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Tonio Spiteri fis-16 ta’ Mejju 1994, jekk kemm-il darba l-kontroll effettiv tal-assi tas-socjeta` konvenuta, kien gja` qabel dik id-data ghadda f’idejn l-istess kumpanija gdida ndikata, ghaliex b’dan l-izvilupp l-kontroll effettiv tas-socjeta` konvenuta, li kien dejjem behsiebha tghaddi l-operazzjonijiet kollha taghha lis-socjeta` l-gdida, kien gja` gie mitluf mill-konvenuti, firmatarji tal-istess ftehim mal-attur.

"Illi wkoll *l-financial consultant* inkarigat mis-sidien ta’ s-sitt *flour mills* ghall-amalgamazzjoni taghhom fil-Federated Mills Limited (li giet inkorporata qabel il-konvenju) socju fid-ditta tal-awdituri Zammit Tabona Bonello & Co. u cjoe` John Zarb, li ha hsieb l-izvilupp ta’ din l-intrapriza u kien ukoll il-*broker* taghha xehed fis-seduti tal-14 ta’ Frar 1995 u l-5 ta’ Mejju 1995 li ghalkemm il-kuntratt definittiv kien gie ffirmat f’Mejju tas-sena 1994, *“Jekk niftakar sew, qabel Mejju il-management tal-hames kumpaniji li kienu ffirmaw il-ftehim fi Frar, kien qieghed isir mill-Federated Mills. Jiena nghid li l-milling biss kien isir b’mod komuni ghaliex il-kumpaniji baqghu separati. U l-kumpaniji kollha kienu jimmanigjaw il-kumpaniji taghhom stess. Meta bdiet taghmel il-milling process, is-socjeta` bdiet tohrog il-fatturi hi ghal dak il-milling process, u tircievi l-hlas relattiv, u tircievi l-fatturi tax-xiri tal-qamh.”* (fol. 28 tal-process).

"Illi l-istess xhud kompla jghid li:-

"*“Bejn il-konvenju u l-kuntratt bdiet topera l-kumpanija li kienet giet iffurmata … … Dina l-operazzjoni konguntiva pero` kienet limitata ghall-operazzjoni ta’ bejgh u xiri biss u ghall-produzzjoni, pero` minkejja dan xorta wahda baqghu l-magni ndividwali, b’management individwali. Fil-frattemp pero`, bejn il-konvenju u l-kuntratt, bdew jikkonsolidaw certu affarijiet bejnietom, u infatti wahda mill-magni giet maghluqa.”* (fol. 34 tal-process). Din l-magna kienet l-izghar *mill*, senjatament Saint Publius Flour Mill. L-impjegati baqghu jigu mhallsa mill-kumpaniji li kienu jhaddmuhom, izda l-kumpaniji kienu jigu rimborsati mill-Federal Mills Limited u dan jikkonferma dak li qal l-

istess xhud li *“riedna fil-fatt nenfasizzaw il-punt li l-individwalita` kienet spiccat u din kienet kumpanija ta’ kulhadd”*

"Illi l-istess John Zarb spjega wkoll li wara l-iffirmar tal-kuntratt ittiehdu mizuri rakkomandati minnhom sabiex l-identita` individwali tal-*mills* tigi terminata ghal kollox. L-istess xhud jghid illi *“Qabel ma gie ffirmat il-konvenju, minkejja li saru preparattivi, qatt ma effettivament ma bdew jahdmu l-hames magni flimkien. Wara l-konvenju kulhadd beda jiehu l-istock li kellu biex it-tnejn ta’ wara huma bdew jahdmu flimkien fil-mod limitat kif gja` gie spjegat.” – fol. 41.)*

"Illi minn dan kollu, il-Qorti tinnota illi huwa evidenti li minkejja li fil-perijodu bejn il-konvenju u l-kuntratt certi funzjonijiet tal-kumpaniji individwali ma kienux iddevolvew f’idejn is-socjeta` Federated Mills Limited, huwa daqstant ovvju u car li gja` f’dak l-istadju kienet is-socjeta` Federated Mills Limited li kienet tmexxi l-intraprizi konguntivi tal-*flour mills*. Mix-xhieda ta’ John Zarb huwa adirittura kkonfermat li l-unika haga li effettivament baqghet tigi amministrata mill-flour mills individwalment sad-data tal-iffirmar tal-att finali kien l-ipprocessar fiziku tad-dqiq.

"Illi dan huwa kkonfermat ukoll mix-xhieda ta’ Dr. Joseph John Vella datata 20 ta’ Gunju 1999 mill-liema xhieda jirrizulta li anke qabel l-konvenju imsemmi tal-25 ta’ Marzu 1994 bejn hames mis-sitt socjetajiet jew entitajiet li kellhom jamalgamaw flimkien, kien diga` hemm konvenju iehor bejn is-sitt socjatijiet imsemmija bhala formanti parti mill-kumpanija l-gdida li giet iffurmata fi Frar 1994, tant li l-istess xhud jghid:-

*"“Allura konna wasalna fi stadju, u dan kien fil-gimgha tad-Duluri, ta’ qabel id-Duluri, li dawn il-hama taw lili u lil John Zarb instructions biex naghmlu konvenju gdid; ahna konna diga ghamilna konvenju bis-sitta, naghmlu socjeta` gdida u nghidulu Amalgamated Mills, imorru ghand Marina biex nitolbu permess ha naghmlu change of name, niswoppjaw Federated ma Amagamated bhal isem.*

*Nuzaw Federated bil-hamsa ghall-ewwel xhur, sakemm jinhall dan l-intopp…”.*

"Illi ma dan kollu jizdied il-fatt, li fil-fehma tal-Qorti, l-*istock take* komplet ezegwit mill-magni kollha l-ghada tal-konvenju huwa ezempju lampanti tad-decentralizzazzjoni mmedjata tal-operazzjonijiet kummercjali kongunti tal-*flour mills* fi hdan il-Federated Mills Limited, almenu tal-hames firmatatarji tal-istess konvenju, u f’dan hemm inkluz is-socjeta` konvenuta.

"Illi li kieku kif qieghdha tallega s-socjeta` konvenuta l-operazzjonijiet tal-flour mills ghaddew f’idejn il-Federated Mills Limited esklussivament wara l-iffirmar tal-kuntratt definittiv, zgur li l-*istock take* ma kienx isir immedjatament wara l-konvenju. L-uniku skop ta’ *stock take* huwa li jigi determinat f’mod xjentifiku dak li qieghdin jikkontribwixxu l-partecipanti fl-amalgamazzjoni, u jsegwi awtomatikament li minn dakinhar ‘l quddiem kienu l-*flour mills* konguntivament li kienu ser joperaw in-negozju intier taghhom, u dan apparti l-konsiderazzjonijiet fix-xhieda tal-istess John Zarb, li jikkonfermaw il-bidla tal-kontroll tal-operazzjonijiet li kellha s-socjeta` konvenuta ghal ghand is-socjeta` l-gdida.

"Illi hawn ta’ minn jirrileva li l-attur kien konxju ta’ dan kollu ghaliex huwa bhala *managing director* kien involut f’tali diskussjonijiet u kien qed jattendi ghall-istess laqghat, tant li kien avza lill-istess socjeta` konvenuta formalment b’dan it-tibdil li kien qed isehh u bil-konsegwenzi taghhom *vis-à-vis* il-ftehim tieghu premess tat-13 ta’ April 1993, permezz ta’ ittra lill-istess socjeta` konvenuta datata 28 ta’ Jannar 1994 (fol. 27). Illi kienu peress li l-istess zviluppi komplew, anke bil-konvenju premess, u anke kif jirrizulta mix-xhieda prodotti kollha f’din il-kawza, li fl-ahharnett inkitbet l-ittra mill-attur fis-26 ta’ Marzu 1994.

"Illi jidher ukoll ghalhekk li s-socjeta` konvenuta naqset milli tikkunsidra li kien l-attur innifsu li kien qieghed jirrapprezentaha fid-diskussjonijiet li finalment wasslu ghall-amalgamazzjoni, u konsegwentement huwa kien ben struwit fuq l-istrategija li kienet ser tigi adoperata

sabiex dina ssehh. Illi dan huwa kkonfermat mix-xhieda ta' Maurice Petrococchino li sostna li *"s-Sur Attard dejjem kien jattendi l-laqghat li kienu jsiru qabel ma giet formata s-socjeta` in kwistjoni"* (fol. 28). Tant kien mgharraf tajjeb dwar il-modalita` mfassla mill-*flour mills* li permezz ta' ittra datata 28 ta' Jannar 1994, (fol. 24 tal-process) huwa gharraf lis-socjeta` konvenuta li hekk kif Marsa Flour Mills Limited kienet ser tigi nkorporata f'Federated Mills Limited, huwa kien ser jinvoka l-artikolu 8.3. tal-kuntratt tal-impieg tieghu. Dina l-ittra tqassmet personalment lil Spiridone Aquilina u lil Charles Demicoli, izda t-tnejn li huma naqsu milli jirrispondu ghall-istess.

"Illi l-Qorti tosserva wkoll li s-socjeta` konvenuta naqset li tesebixxi l-konvenju fil-25 ta' Marzu 1994, u dan in-nuqqas wiehed irid jiehdu wkoll fil-perspettiva tal-kwistjoni odjerna, tenut kont tal-fatt li l-ittra nkitbet mill-attur proprju l-ghada tal-istess konvenju, u fejn fl-istess konvenju wiehed jipprezumi hemm indikat kif kellhom jirregolaw ruhhom l-istess socjatajiet firmatarji, anke fil-gestjoni tal-intraprizi taghhom sad-data tal-iffirmar tal-att definittiv. Wiehed jinnota wkoll li tant kienu serji l-istess trattivi mill-istess socjetajiet involuti, li ghalkemm wahda minnhom ma iffirmatx tali konvenju, xorta wahda din kienet inkorporata fil-ftehim finali u kienet gja` tifforma parti mis-socjeta` gdida ffurmata bejn l-operaturi kollha *tal-flour mills.*

"Illi tenut kont ta' dan kollu, inkluz dak kontenut fid-dikjarazzjoni tal-konvenuti *nomine* u dak li hemm fix-xhieda ta' John Zarb, kien certament fl-interess tal-istess socjeta` konvenuta li tesebixxi l-istess konvenju, sabiex issostni l-pozizzjoni taghha u d-difiza taghha li kien biss mal-iffirmar tal-att finali ta' bejgh li l-*management* tal-*flour mills* individwali ddevolva ghaf-favur tal-Federated Mills Limited, izda dan baqa' ma sarx ghar-ragunijiet maghrufa biss lill-istess socjeta` konvenuta.

"Illi fattur iehor determinanti ghal din il-kawza huwa l-fatt li l-pozizzjoni tal-attur b'tali amalgamazzjoni kienet ser titbiddel drastikament, fis-sens li kif l-istess socjeta` konvenuta bdiet titrasferixxi l-operazzjonijiet taghha lis-socjeta` l-gdida, jekk l-attur ma kienx ser jakkwista

pozizzjoni mal-kumpanija l-gdida, li kien jinvolvi impjieg gdid, l-attur kien effettivament jispicca *redundant* anke wara l-konvenju premess, *stante* li kienet kwistjoni ta' ftit zmien sabiex l-istess socjeta` konvenuta effettivament u bhala tali tieqaf topera.

"Illi kien fil-fatt f'dan l-istadju li s-socjeta` Federated Flour Mills Limited harget avviz ghall-*posting* ta' *general manager*, u allura ma hemm l-ebda dubju li l-kontroll effettiv tal-operazzjonijiet kollha tal-istess *flour mills,* kien ser jghaddi u fil-fatt kien gja` beda jghaddi minghand is-socjetajiet li jahdmu id-dqiq rispettivi ghal ghand is-socjeta` l-gdida, li kienet ser tappunta n-nies taghha.

"Illi jista' jkun, u din il-Qorti tinsab propensa li taccetta li l-istess attur kien avvicinat ghal din il-pozizzjoni, pero' dan il-fatt lanqas jista' jittiehed bhala li jostni t-tezi tas-socjeta` konvenuta, ghaliex *se mai* dan jikkonferma kemm li l-pozizzjoni tal-attur fl-impjieg tieghu in diskussjoni mas-socjeta` konvenuta kien wassal f'sitwazzjoni prekarja ghaliex kieku ma kienx ser jigi offrut post gdid minn dak li huwa kellu li kien ghadu xhur biss li ffirma, kif ukoll peress li dan juri li l-eventwali ngagg kien totalment gdid mis-socjeta` li kienet ghada kemm giet registrata, u wkoll li l-kontroll taghha, inkluz fl-operazzjoni li qabel kienu tas-socjeta` konvenuta, kienu ghaddew f'idejn persuni ohra, u mhux esklussivament f'idejn il-konvenuti. Dan jikkonferma li l-kontroll effettiv tal-istess socjeta` konvenuta kien ghadda f'idejn is-socjeta` l-gdida, ghan-nom ta' liema l-istess Dione Aquilina u Charles Demicoli kienu wkoll qed javvicinaw lill-attur f'dan l-istadju.

"Illi minkejja li l-konvenuti sostnew fix-xhieda taghhom li huma kienu offrew il-pozizzjoni lill-attur fil-kumpanija l-gdida, u minkejja l-assigurazzjonijiet li l-istess konvenuti ppruvaw jaghtu dwar din il-weghda taghhom, dan xorta ma jistax jahbi l-fatt, *di piu`* ammess mill-istess konvenuti, li kienet saret sejha pubblika fil-gazzetti lokali ghall-mili tal-pozizzjoni ta' *General Manager* mal-istess socjeta`, tant li rrizulta mill-istess xhieda li mhux id-diretturi kollha tas-socjeta` l-gdida kienu tal-istess opinjoni tal-konvenuti dwar l-ingagg tal-attur, u fil-fatt dan fih innifsu idghajjef l-

argument tal-istess konvenuti, apparti li is-sejha pubblika ghall-mili tal-istess pozizzjoni certament irendi l-offerta allegatament maghmula lill-attur dwar il-pozizzjoni l-gdida mhux certa daqs kemm il-konvenuti qed jippretendu li hi.

"Illi fil-fatt irrizulta li din l-pozizzjoni l-gdida giet moghtija lill Michael Sant b'effett mill-1 ta' Settembru 1994, u dan wara li Charles Demicoli kien accertah li kien ser jigi maghzul, u konsegwenti ghal sejhiet ghall-applikazjoni ghall-post ta' *General Manager* mal-istess socjeta` f'April 1994 f'gazzetti lokali, kif jidher mid-dokumenti "MS1" u "MS2" a fol. 123 u 124 tal-process, u dan allura qabel ma gie ffirmat l-ftehim formali bejn l-istess sitt socjetajiet fis-16 ta' Mejju 1994, wkoll mhux esebit mis-socjeta` konvenuta.

"Illi fil-fatt fl-affidavit tieghu tas-26 ta' Mejju 1999, Michael Sant isostni a fol. 121 u 122 tal-process:-

"“Illi qabel ma harget pubblikament is-sejha ghal applikazzjonijiet ghall-mili tal-kariga ta' General Manager mal-Federated Mills Limited huwa kien gie avvicinat u mheggeg bosta drabi mis-sur Charles demicoli sabiex japplika ghal dal-post, l-aktar waqt zjara li t-tnejn ghamlu flimkien f'Parigi, Ginevra u Lausanne f'Jannar 1994 in konnessjoni ma' xoghol tal-Kordin Grain Terminal Company Limited".

*"“Illi biex aktar iheggu japplika ghal dik il-kariga, hu kien sahansitra ghaddielu kopja bil-quddiem tal-advert li kellu jidher fil-gazzetti (Dok. “MS 2”) qabel ma fil-fatt gie reklamat, u kopja ta' dan l-advert kif mghoddi lilu mis-sur Demicoli jinsab mehmuz ma' dan l-affidavit”.*

"Illi minkejja li Charles Demicoli cahad li dan d-diskors kien sar qabel ir-rizenja ta' Anthony Attard minn ma' Marsa Flour Mills Limited, il-Qorti tinnota li x-xhud Michael Sant kien akkurat hafna meta fix-xhieda tieghu ndika d-data li fiha gie mgharraf b'dan minn Charles Demicoli. Apparti minn hekk, Michael Sant kellu sahansitra fil-pussess tieghu id-*draft* tal-avviz li kellu jidher fuq il-gazzetti ghal din l-pozizzjoni, dokument li gie ezebit

flimkien mal-affidavit ta’ l-istess Michael Sant a fol. 123 tal-process gudizzjarju.

"Illi dan kollu maghdud mal-fatt li John Zarb f’dan ir-rigward (fol. 36) kien xehed li *“l-avviz ghall-pozizzjoni ta’ General Manager kien gie abbozzat anke xi xahrejn, tlieta qabel il-konvenju”,* jaghti kredibilita` u jikkonferma t-tezi attrici, dwar il-pozizzjoni tieghu fl-istess socjeta` konvenuta, il-prewkawzjonijiet tieghu dwar l-istess, u l-fatt li l-konvenuti kienu effettivament tilfu l-kontroll tal-assi tal-istess socjeta` konvenuta, u kollox kien immirat sabiex l-istess assi jigu assenjati lis-socjeta` l-gdida, li kellha tamalgama l-operazzjonijiet kollha tas-sitt socjetajiet involuti bhala *flour mills,* f’socjeta` unika u taht il-kontroll tal-azzjonisti l-godda tal-istess socjeta`, u din l-operazzjoni bdiet issehh sew qabel l-ftehim formali tas-16 ta’ Mejju 1994, u certament qabel id-data tas-26 ta’ Marzu 1994, data tal-ittra ta’ rizenja attrici, u certament qabel u mid-data tal-25 ta’ Marzu 1994.

"Illi llum huwa konfermat anke mix-xhieda ta’ Charles Demicoli tas-16 ta’ April 1997, li s-socjeta` konvenuta ma tiggesitixxi xejn, u dan proprju b’effett tal-amalgazzjoni jew *merger* imsemmija minnu fix-xhieda tieghu, li biha nholqot din il-kumpanija l-gdida, proprju sabiex tmexxi x-xoghol li kienu jmexxu l-*flour mills* l-ohra kollha li formalment trasferew l-assi taghhom lilha f’Mejju 1994, pero` qabel dakinhar kienu saru il-preparmenti kollha sabiex dan isehh, inkluz *stock taking,* u l-operazzjonijiet ta’ xiri u bejgh kienu gja` qed isiru minnha kif jinsab konfermat mix-xhieda ta’ John Zarb fuq indikata, apparti x-xhieda tal-avukat Dr. Joseph John Vella, Charles Demicoli, u wkoll Dione Aquilina.

"Illi dawn il-konsiderazzjonijiet kollha ttiehdu fid-dawl tal-massima kardinali fil-ligi taghna dwar relazzjonijiet bejn persuni fejn jinghad li “*l-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta` tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata. Pacta sunt servanda*”. (A.C. 5 ta’ Ottubru, 1998 – “**Gloria mart Jonathan Beacom et vs L-Arkitett**

**u Inginier Civili Anthony Spiteri Staines"**) **"General Cleaners Company Limited vs Accountant General" –** P.A. (RCP) – 29 ta' Novembru 2001).

"Illi dan iwassal ghall-principju iehor stabbilit li jirritjeni li l-kuntratti ghandhom jigu esegwiti in *'bona fede'* u li jobbligaw mhux biss dak li jinghad fihom, izda wkoll ghall-konsegwenzi kollha li ggib maghha tali obbligazzjoni". **("Joseph Francis Depares nomine vs John O'Dea nomine"** - Appell 25 ta' Gunju 1996).

"Il-konsegwenza ta' kull ftehim ghalhekk hija li l-obbligazzjonijiet iridu jiftehmu li jaghmlu sens (jekk jista' jkun *buon* sens) u l-kuntratti ghandhom ikunu interptretati *"in bona fede"* ("**Carmelo Mifsud vs Joseph Spiteri et"** - P.A. (WG) 30 ta' April 1987).

"Illi ghalhekk fuq l-iskorta tal-istess principji u mill-provi prodotti l-Qorti hija konvinta li almenu mal-iffirmar tal-konvenju tal-25 ta' Marzu 1994 kienet is-socjeta` Federated Flour Mills Limited li bdiet tiehu hsieb il-*management* tal-hames *flour mills*, inkluza s-socjeta` konvenuta Marsa Flour Mills Limited. Huwa minnu li l-pocess ta' integrazzjoni kellu jiehu numru ta' xhur sabiex jigi kompletat, u ghalhekk certi funzjonijiet baqghu jigu ezercitati mill-kumpaniji individwali. Pero` dana xejn ma jnehhi mill-fatt li huwa evidenti li mid-data tal-konvenju d-decizjonijiet kollha bdew jittiehdu mill-Federated Mills Limited, u ghalhekk l-attur kien gustifikat jibghat l-ittra ta' rizenja tieghu u jitlob il-kumpens ta' Lm20,000 imsemmi fil-kuntratt ta' mpieg, u wkoll ghalhekk li l-kondizzjonijiet kollha ndikati fl-istess klawsola numru 8.4 fil-ftehim tat-13 ta' April 1993 sehhew u ghalhekk jirrizulta li l-attur kien gustifikat jittermina l-impieg tieghu u jitlob il-kumpens stipulat fl-artikolu 8.4. tal-kuntratt ta' impieg tieghu."

Rat li s-socjeta` konvenuta kienet interponiet appell minn din is-sentenza u, ghar-ragunijiet hemm indikati, talbet ir-revoka tas-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili u l-konsegwenti cahda tat-talbiet attrici;

Rat ir-risposta ta' l-attur ghal dan l-appell fejn, ghar-ragunijiet moghtija, talab il-konferma tas-sentenza appellata;

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti (diversament presjeduta) tat-2 ta' Dicembru 2005, li in forza taghha laqghet l-appell tas-socjeta` konvenuta, irrevokat is-sentenza appellata u cahdet it-talbiet attrici;

Din il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Illi sabiex jigi kunsidrat dan l-aggravju tas-socjetà konvenuta appellanti huwa utili illi, qabel xejn, tigi hawn riprodotta il-klawsola numru 8.4 tal-*Contract of Employment* ta' l-attur mas-socjetà konvenuta (Dok. AZ, fol. 7 sa 10), liema klawsola l-attur invoka in sostenn tat-talbiet tieghu. Din il-klawsola tistipula hekk:

"“8. *This agreement is being entered into for an indefinite period and the parties hereto agree that it shall only be terminated in any of the following events*:
…
"8.4 *By the employee without notice and without penalty in the event that the beneficial owners of the company loose* [*sic*] *control over the management of the company either because they sell their shares in the company or because they grant an operation concession of the company to third parties or in any other manner whatsoever. In this eventuality the employee shall be entitled to receive from the company compensation amounting to a sum of Lm20.000*.”

"L-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, wara illi iccitat din il-klawsola 8.4 (fol. 207), qalet hekk (fol. 210-211):

"“Illi sabiex jigi determinat dan il-kaz, <u>huwa</u> ghalhekk <u>mehtieg li l-Qorti tivvaluta jekk kienitx tassew avverat ruhha xi wahda mic-cirkostanzi kontemplati fl-Artikolu 8.4.</u> tal-kuntratt ta' impieg li kienet tippermetti lill-attur jinhall minnu u jitlob minghad is-socjetà Marsa Flour Mills Limited il-kumpens hemm previst …” (sottlonear ta' dina l-Qorti);

"L-ewwel Qorti, permezz tal-kliem taghha illi ghadu kemm gie sottolineat minn dina l-Qorti, stradat il-kaz fuq binarju zbaljat. Dana ghaliex minn qari akkurat ta' l-att ta' citazzjoni jirrizulta illi l-attur, ghalkemm fl-istess att ta' citazzjoni irrefera ghall-imsemmija klawsola 8.4, ibbaza l-azzjoni tieghu mhux fuq il-klawsola kollha izda fuq parti minnha biss. Infatti, ghalkemm l-imsemmija klawsola 8.4 tikkontempla illi l-attur ikun jista' jittermina l-impjieg tieghu mas-socjetà konvenuta fl-eventwalità illi "*the beneficial owners of the company lose control over the management of the company* *either* *because they sell their shares in the company* *or* *because they grant an operation concession of the company to third parties* *or* *in any other manner whatsoever*" (sottolinear ta' dina l-Qorti), fl-att ta' citazzjoni l-attur qed jippretendi illi huwa ghandu dritt jesigi minghand is-socjetà konvenuta l-kumpens ta' Lm20,000 kontemplat mill-imsemmija klawsola 8.4 ghaliex huwa ttermina l-impjieg tieghu ma' din is-socjetà ghal raguni wahda biss: ghaliex din is-socjetà, fi kliem l-att ta' citazzjoni, "… bieghet l-assi kollha taghha lill-terzi u b'hekk giet sprovvista minn dak kollu li kien iregiha u jirrendiha funzjonanti …". Huwa utili illi, sabiex tigi illustrata din il-konsiderazzjoni ta' dina l-Qorti, l-att ta' citazzjoni jigi hawn citat *in extenso* (fol. 1 *tergo*):

""Peress illi s-socjetà konvenuta bieghet l-assi kollha taghha lill-terzi u b'hekk giet sprovvista minn dak kollu li kien irregiha (*sic*) u jirrendiha funzjonanti u dan kif jigi spjegat f'aktar dettal waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

""Peress illi permezz ta' dan il-bejgh ta' assi l-azzjonisti u proprjetarji tas-socjetà konvenuta tilfu il-kontroll tal-gestjoni u l-amministrazzjoni ta' l-imsemmija socjetà, ghad illi fis-socjetà konvenuta ma fadal xejn x'jamministraw u jiggestixxu; illi ghat-tenur tal-Klawsola 8.4 tal-Ftehim fuq imsemmi l-attur kellu d-dritt u l-poter li jittermina l-impjieg tieghu minghajr pre-avviz u minghajr penali jekk kemm il-darba il-proprjetarji tas-socjetà konvenuta jitilfu kontroll fuq il-gestjoni u l-amministrazzjoni tas-socjetà ghar-raguni li jbieghu l-azzjonijiet fis-socjetà, jew billi jassenjaw il-gestjoni tas-socjetà lil terzi jew bi kwalunkwe mod iehor; u

f'tali eventwalitajiet l-attur kien intitolat minghand is-socjetà ghall-kumpens ammontanti ghall-ghoxrin elf lira Maltin (Lm20,000); illi l-attur ghamel uzu mid-dritt u mill-poter moghtija lilu minn Klawsola 8.4 tal-Ftehim fuq imsemmi u permezz ta' ittra ttermina l-impjieg tieghu mas-socjetà konvenuta ghar-ragunijiet imsemmija fl-ittra u cjoè billi s-socjetà konvenuta ttrasferiet l-assi kollha taghha lill-terzi u fl-istess waqt kif tipprevedi Klawsola 8.4 tal-Ftehim talab il-hlas tal-kumpens previst fil-Ftehim (sottolinear ta' dina l-Qorti);"

"Ikkunsidrat:

"Illi, dan premess, huwa evidenti illi l-azzjoni attrici tista' tirnexxi biss jekk huwa irnexxielu jipprova illi meta huwa ttermina l-impjieg tieghu mas-socjetà konvenuta permezz ta' l-ittra tieghu già imsemmija tas-26 ta' Marzu, 1994 (Dok. AA, fol. 19) il-"*beneficial owners*" tas-socjetà konvenuta kienu bieghu "*their shares in the company*". Ma jinsabx pruvat illi sas-26 ta' Marzu 1994 kien gie konkluz tali bejgh; l-aktar illi jista' jinghad huwa illi sa dakinhar kien hemm promessa ta' bejgh. Promessa ta' bejgh ma tista' qatt tigi guridakament ekwiparata ma' bejgh;

"Ikkunsidrat:

"Illi, minn dak illi jinghad sa issa, huwa evidenti illi l-aggravju in ezami tas-socjetà konvenuta huwa fondat u illi hemm lok ghar-revoka tas-sentenza appellata u ghac-cahda tat-talbiet attrici; dana minghajr il-htiega illi jigi kunsidrat kull aggravju iehor avanzat mis-socjetà konvenuta fir-rikors ta' appell taghha."

Rat ir-rikors ta' ritrattazzjoni ta' l-attur Anthony Attard li in forza tieghu talab li l-appell jigi ritrattat a bazi tal-provvediment ta' l-Artikolu 811(l) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat ir-risposta tas-socjeta` ritrattata li talbet ic-cahda tat-talba ta' ritrattazzjoni;

Rat id-digriet u l-provvediment moghti minn din il-Qorti fis-17 ta' April, 2007;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi qabel ma tigi diskussa t-talba ta' l-attur ghar-ritrattazzjoni, hemm htiega li tigi carata l-kwistjoni tal-kawtela depozitata biex taghmel tajjeb ghall-ispejjez ta' dawn il-proceduri.  Fis-seduta tal-5 ta' Dicembru 2006, quddiem din il-Qorti kien irrizulta li r-ritrattazzjoni ma kienx kawtelat, u gie trattat il-punt jekk il-proceduri ghandhomx jitqiesu dezerti.  B'digriet tas-17 ta' April 2007, il-Qorti ddikjarat li l-proceduri f'din il-kawza m'ghandhomx jitqiesu dezerti.  Dakinhar stess, din il-Qorti geddet b'ghaxart ijiem iz-zmien ghall-hlas tal-kawtela.  Ghalhekk, id-depozitu kellu jsir sas-27 ta' April 2007, izda bhala fatt jirrizulta li dan sar fid-9 ta' Mejju 2007, ferm oltre t-terminu koncess lir-ritrattand.  Is-socjeta` ritrattata targumenta li ladarba l-hlas tal-kawtela sar tard, il-proceduri ghandhom jitqiesu li marru dezerti.

Din il-Qorti kienet tkun propensa taccetta dan l-argument kieku si tratta minn terminu impost mil-ligi.  Darba, pero`, si tratta minn termini gudizzjali, hu koncess lill-Qorti li tipproroga t-termini imposti jekk jidhrilha li c-cirkostanzi dan jippermettuh.  F'dan il-kaz, din il-Qorti qieset li ladarba d-depozitu sar fi zmien utili bizzejjed biex ma jkunx hemm aktar telf ta' zmien, u ma nholoqx pregudizzju ghall-meritu tal-kaz, ghandha tipprocedi bis-smigh tat-talba ta' l-attur ritrattand u ma tiddikjarax il-proceduri dezerti.

Trattat issa l-meritu, din il-Qorti tosserva in linea preliminari li l-proceduria ta' ritrattazzjoni hija ta' natura straordinarja u l-provvedimenti ghandhom jinghataw interpretazzjoni ristretta;
"L-istitut ta' ritrattazzjoni huwa wiehed specjalissimu li jippermetti li kawza tigi ezaminata ghat-tielet darba.  L-organizzazzjoni ta' l-ordni gudizzjarja fl-istruttura taghna

hija ta' zewg gradi - Prim Istanza u Appell - mentri r-ritrattazzjoni tintroduci t-tielet grad bhala mizura eccezzjonalissima intizi principalment biex tigi evitata ingustizzja cara u palezi, minhabba fatturi li jkunu jew sfuggew l-ezami ta' l-ewwel istanza jew taz-zewg istanzi jew li jkunu ssopravenew"

(**Karmenu Mifsud Bonnici noe et v. John Scicluna noe et**, Appell, deciza fis-26 ta' April, 1993 - Vol. LXXVII.276)

Dan l-istitut m'ghandux jintuza bhala tentattiv sabiex dak li jitlef kawza, ikollu l-kaz tieghu rivedut minn Qorti tat-tielet grad, li kif huwa risaput ma huwiex rikonoxxut u permess fis-sistema guridika taghna.

L-attur ritrattand qed jibbaza t-talba tieghu fuq l-Artikolu 811(l) li takkorda ritrattazzjoni jekk is-sentenza kienet l-efett ta' zball li jidher mill-atti u mid-dokumenti tal-kawza.

Il-ligi taghna tghid espressament x'tip ta' zball huwa kkontemplat taht dan is-subinciz. Di fatti hemm *proviso* li jghid hekk:
"Ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li hemm dak l-izball, fil-kaz biss li d-decizjoni tkun ibbazata fuq is-supposizzjoni ta' xi fatt, li l-verita` tieghu tkun bla ebda dubju eskluza, jew fuq is-supposizzjoni li ma jezistix xi fatt, li l-verita` tieghu tkun stabbilita pozittivament, basta li, fil-kaz il-wiehed u l-iehor, il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun gie deciz bis-sentenza."

Hu car, f'dan il-kaz, li biex jiggustifika dan l-aggravju, ir-ritrattand jerga' jidhol f'indagini tal-fatti. Hu jaghmel riferenza ghall-provi prodotti u jghid li kellu jirrizulta li ghalkemm il-bejgh formali ta' l-assi tas-socjeta` Marsa Flour Mills Ltd lis-socjeta` Federated Mills Ltd gie perfezzjonat bil-kuntratt tas-16 ta' Mejju 1994, xorta wahda gie ppruvat li ma' l-iffirmar tal-konvenju tal-25 ta' Marzu 1994, il-kontroll fuq il-*management* tas-socjeta` Marsa Flour Mills ghada f'idejn l-ufficjali tas-socjeta` akkwirenti, u ghalhekk kienet avverat ruhha c-cirkostanza li intitolat lill-attur li jitlob il-kumpens patwit fil-ftehim tat-13 ta' April, 1993.

Dan hu apprezzament tal-fatti li din il-Qorti kellha quddiemha. Din il-Qorti, meta tat is-sentenza taghha fit-2 ta' Dicembru 2005, kienet konxja minn dawn ic-cirkostanzi ta' fatt, u ma inkorriet f'ebda zball ta' analizi tal-fatti li wasslu ghall-kawza. Li qalet din il-Qorti kien li, il-ftehim tat-13 ta' April 1993, partikolarment klawsola 8.4 kien jikkontempla hlas ta' kumpens lill-attur "*in the event that the beneficial owners of the company lose control over the management of the company*" jekk dan isehh jew (i) "*because they sell their shares in the company*", jew (ii) "*because they grant an operation concession of the company to third parties*", jew (iii) "*in any manner whatsoever*". Din il-Qorti rat li meta l-attur fetah il-kawza, hu invoka din il-klawsola u allega li d-dirigenti tas-socjeta` Marsa Flour Mills tilfu l-kontroll tal-gestjoni u ta' l-amministrazzjoni tas-socjeta`, peress li s-socjeta` konvenuta "bieghet l-assi kollha taghha lil terzi". Fil-fehma ta' din il-Qorti, kien jidher car li l-attur ibbaza l-azzjoni tieghu mhux fuq il-klawsola kollha, izda fuq parti minnha biss. Ladarba din kienet l-ghazla ta' l-attur, biex tirnexxi l-azzjoni tieghu, hu kellu jipprova illi meta huwa ttermina l-impjieg tieghu mas-socjeta` Marsa Flour Mills permezz ta' l-ittra tieghu tas-26 ta' Marzu 1994, il-"*beneficial owners*" ta' din is-socjeta` kienu bieghu "*their shares in the company*". Ladarba ma kienx irrizulta li sas-26 ta' Marzu 1994, kien gie konkluz tali bejgh, l-azzjoni attrici ma setghetx tirnexxi. Trattandosi tal-principju maghruf li Qorti Superjuri hija marbuta mal-kawzali kif dedotti mill-attur, u mhux lilha konsentit li tirradiga t-talba ta' l-attur a bazi ta' kawzali li, ghalkemm tista' tirrizulta pruvata, ma tkunx giet proposta bhala kawzali fl-att tac-citazzjoni (illum, rikors guramentat), din il-Qorti ma kellhiex triq ohra hlief li tichad it-talba ta' l-attur kif minnu proposta.

Jidher aktar minn evidenti li l-punti mqanqla mir-ritrattand bhala motivazzjoni taht is-subinciz (l) kienu kollha kemm huma punti ta' kontestazzjoni li Qorti ta' l-Appell dahlet fihom u ddecidiet dwarhom. Kif gie ritenut in re: **Isidoro Agius v. Giuseppe Bugeja** deciza mill-Qorti ta' l-Appell

fit-13 ta' Gunju, 1995 (li segwit numru kbir ta' decizjonijiet simili),
"jekk l-izball akkampat bhala motiv ghar-ritrattazzjoni kien punt ta' kontestazzjoni li gie maqtugh bid-decizjoni impunjata, mhix ammessa ritrattazzjoni fuq il-motiv ta' dak l-izball, u l-apprezzament u l-interpretazzjoni tal-fatti ma humiex sindakabbli, u ma jaghtux lok ghar-rimedju legali tar-ritrattazzjoni."

Apparti dak li ntqal supra, tajjeb fl-ahharnett li jigi osservat li kif gie ritenut in re: **Bencini v. Zammit Pace** (Koll. Vol. LXXX-II-391),
"Il-gurisprudenza taghna dejjem ghallmet li r-rimedju tar-ritrattazzjoni huwa wiehed straordinarju inkwantu jikkostitwixxi deroga ghall-principju fondamentali li l-gudikat jikkostitwixxi l-ligi bejn il-kontendenti u dan indipendentement mill-fatt jekk dak il-gudikat jirrispekkjax kompletament il-verita` jew il-gustizzja. Ir-Rumani kienu jesprimu dan il-kuncett bil-massima *res iudicata pro veritate habetur*. Minn dan titnissel il-konsegwenza taghha li r-regoli li jirregolaw dan l-istitut tar-ritrattazzjoni huma ta' interpretazzjoni strettissima. Diversament, taht il-pretest tar-ritrattazzjoni l-litigant sokkombent ikun jista' jerga' jiftah il-kawza u b'hekk indirettament johloq ghalih tribunal tat-tielet istanza li mhux permess mil-ligi." (ara wkoll **Causon v. Portelli**, Koll. Vol. LXXX-II-464)

Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddeciedi billi tirrespingi t-talba ghar-revoka tas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fit-2 ta' Dicembru 2005, kif intalab fir-rikors tar-ritrattazzjoni, u konsegwentement, tirrespingi wkoll it-talba ghar-ritrattazzjoni tal-kawza kif hemm mitlub.

L-ispejjez kollha gudizzjarji jkunu a karigu tar-ritrattand.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------